Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

Illum, l-1 ta' Lulju 2021

**Pulizija**

**vs**

**James Farrugia**
**(444886M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijet migjuba fil-konfront ta' James Farrugia ta' 31 years, bin Anthony u Assunta nee' Falzon, imwieled Pieta', fl-4 Ottubru 1986, u joqghod Blokk A2 Flat 3 Ta' Pennnellu, Triq is-Sifa, Mellieha, detentur tal-karta tal-identita' 444886M.

Fejn huwa gie akkuzat talli fis-27 ta' Jannar 2018, ghall-habta ta' nofsillejl *(00:00hrs)* u fil-granet, gimghat u xhur immedjatament precedenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni, *ai termini tal-Artikolu **18 Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta.*

Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Victoria Camilleri detentrici tal-karta tal-identitia numru 409488M, biza' li ser tintuza vjolenza kontriha *ai termini tal-Artikolu **251B(1) Kap** 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

Aktar talli fil-lejl ta' bejn is-26 ta' Jannar 2018 u s-27 ta' Jannar 2018, bla ordni skont il-ligi, arresta, zamm jew issekwestra lil persuna ta' Victoria Camilleri detentrici tal-karta tal-identitia numru 409488M kontra l-volonta taghha jew b'xi mod irrestringa jew ostakola il-moviment liberu taghha *ai termini tal-Artikolu **86 Kap** 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, u cioe fl-1 ta' Novembu 2017 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija *(19:00 hrs)* kif ukoll fis-27 ta' Jannar 2018, ghall-habta ta' *nofsilejl (00:00 hrs)* ikkometa serq ta' vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni **CBP-981** u oggetti ohra ghad-detriment ta' Victoria Camilleri detentrici tal-karta tal-identitia numru 409488M, liema serq hu kwalifikat, bil-hin, bil-vjolenza, bil-lok, bil-valur li ma jecedi il-mitejn u tnejn u tletin ewrou erbhga u disghin centezmu (€232.94) u bix-xorta tal-haga misruqa, *ai termini tal-Artikolu* ***261, 262, 263, 267, 270, 271, 275, 276, 277, 278, 280 u 281 Kap 9****, tal-Ligijiet ta' Malta;*

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel lil haddiehor u cioe lil Victoria Camillieri detentrici tal-karta tal-identitia numru 409488M, ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kien provokat ingurja b'mod li hareg barra mil-limit tal-provokazzjoni, *ai termini tal-Artikolu* ***339 (1)(e) Kap*** *9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma' jistghux jigi mibdula, *ai terminu tal-Artikolu* ***49 u 50 Kap*** *9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, *ai termini tal-Artikoli* ***532A, 532B, u 533, Kap.*** *9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex tohrog ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali[1] datat l-1 ta' Frar 2018 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat ix-xhieda ta' l-iSpettur Maurice Curmi, Victoria Camilleri, Patrick Azzopardi, WPS 148 Denise Camilleri, PS 1462 Joseph Attard, PS 922 Valmor Medati, Marisa Gauci u Karen Cremona.

[1] Fol. 11

Seghmet ix-xhieda tal-Probation Officer Joanna Farrugia, tal-*parte civile* Victoria Camilleri,

Rat in-Noti t'andamanet ta' l-imputat, maghmula mill-Probation Officer Joanna Farrugia.

Rat is-sentenzi pprezentati mill-Ufficjal Prosekutur *a fol.* 43 sa *fol.* 60 ta' l-atti processwali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-seduta tat-8 ta' Frar 2018 xehed l-iSpettur Maurice Curmi fejn qal illi fis-27 ta' Jannar 2017, ghal habta ta' 12.30am, l-Pulizija tal-Mosta kienu nfurmati li kien hemm persuna f'barriera, li kienet ikkonvertita f'shooting range lejn Ghajn Tuffieha mill-Mgarr, u li din il-persuna kellha bzonn l-assistenza. Marru tal-RIU u l-Pulizija tad-distrett tal-Mosta fejn sabu lis-sid tax-shooting range u lil Victoria Camilleri, li kienet allegatament ittiehdet hemm mill-ex sieheb taghha, fejn dan kien ukoll hadilha l-karrozza taghha. Il-Pulizija kienu fitxew lil ex-partner tal-*parte civile* u cioe' l-imputat, imma sabuh jumejn wara u kienu arrestawh. L-iSpettur kompla jghid li hu baghat ghal kwerelanta, li qaltlu li kienet ilha f'relazzjoni mal-imputat ghal 14-il sena u kellhom tifel ta' 9 snin, izda xi 10 snin qabel kien qabad il-vizzju tad-droga. Xi 4 snin qabel, l-imputat kien ghamel program u ddecidew li jmorru jghixu flimkien fi flat li kien xtara l-Mellieha. Wara xi 6 xhur l-*parte civile* telqet minn mieghu f' Settembru tal-2017, ghax hu telaq mill-program, waqaf jahdem u beda jiehu droga kuljum. F'Novembru 2017, l-imputat, beda jcemplilha u jdejjaqha u jitlobha l-karrozza ghax kienu hadulu tieghu. L-*parte civile* ghamlet xi zewg rapporti fuq hekk, u l-imputat ma kienx baqa' jdejjaqha, izda f'Jannar 2018 rega' beda jmur ghandha kuljum, jitlobha l-flus u kienet tatu xi hamsin euro (€ 50) kull darba, pero' fl-ahhar fis-26 ta' Jannar 2018, il-*parte civile* iddecediet li ma tatihx aktar flus u marret taghmel rapport fl-10 pm tas-26 ta' Jannar 2018, sabiex il-Pulizija ikellmuh sabiex ma jibqax jdejjaqha. Peress illi kienu ser jidhru l-Qorti nhar it-Tlieta tal-gimgha ta' wara, l-Pulizija ikkonvincew lil *parte civile* sabiex tistenna l-ezitu tal-Qorti. Kif marret lura d-dar sabet lil imputat jistenniha barra d-dar t'ommha. Hu

beda jitlobha l-flus u meta ma tatux mbuttaha gol-karrozza u saq biha lejn fejn joqghod iz-ziju taghha, li joghod l-Manikata biex jitolbu l-flus, u l-imputat baqa' sejjer biha fi shooting range fejn sabuha. L-imputat beda jghid lil *parte civile* li daqshekk rat lit-tifel u li kien ser jqahhabha l-Gzira biex jigbru l-flus biex jixtri d-droga u l-*parte civile* bezghet. Kif waslu hdejn il-barriera, l-*parte civile* qabzet mill-karrozza u qabzet cinta u marret tigri fil-barriera fejn rat id-dawl. Kien hemm ragel hemm u x'hin qaltlu x'gara hu cempel l-ghassa tal-Mosta. Kemm hi, kif ukoll ir-ragel tal-barriera kienu imbezzghin sakemm waslu l-Pulizija, ghax bezghu li l-imputat kien ghadu hemm. X'hin waslu, l-Pulizija fittxew l-inhawi pero' lil imputat ma' sabuhx u wara l-Pulizija wasslu lil *parte civile* d-dar. L-iSpettur kompla jghid li meta kellem lil imputat, wara li tah is-solitu twissija, l-imputat irrinunzja ghad-dritt ta' Avukat u cahad l-allegazzjonijiet kollha. L-imputat qal illi veru li marru hemm, u qal illi meta ra li l-*parte civile* qabzet, halla l-karrozza hemm u mar bil-mixi lejn il-Mellieha. Hu qal illi hi kienet igennu biex jiehu d-droga. L-imputat reggha' baghat lil Pulizija jftittxu l-karrozza, ghax forsi ma kienux rawha mal-lejl, izda l-karrozza ma' nstabitx u ghada sal-llum ma' nstabitx. Fil-kontro ezami ix-xhud gie mistoqsi jekk l-kwerelanta ghandhiex l-vizzju tad-droga u hu wiegeb illi ma jafx ghandhiex dan il-vizzju u ma jeskludix, izda mill-istorja ta' kif graw l-affarijiet u l-passat, l-verzjoni taghha kienet aktar kredibbli ghalkemm l-imputat cahad kollox. Ix-xhud qal li l-imputat kien qal illi l-*parte civile* kienet qabzet mill-karrozza ghax kienet qieghda tibza' minnu, ghax qalilha li ma tarax it-tifel izjed, u li kien ser iqahhabha. Il-*parte civile* kienet ghadha mredha jumejn wara l-incident. L-imputat ma cahadx li kienu hemm flimkien, izda meta qal illi hallha l-karrozza hemm u telaq bil-mixi wara li qabzet mill-karrozza, ma kinitx kredibli, ghax diga' kien hemm rapport li hadilha l-karozza f'Novembru 2017, u l *-parte civile* wara sabitha quddiem il-flat ta' l-imputat u haditha minn hemm. Ix-xhud kompla jghid li l-karrozza ghadha missing sal-llum.

Illi fis-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2018 xehdet il-*parte civile* Victoria Camilleri fejn qalghet illi l-imputat kien l-ex partner taghha u kien jmur wara l-bieb taghha biex jitlobha l-flus. F'Jannar 2018 f'xi l-10.30pm marret l-ghassa tal-Mellieha biex tghid lil-pulizija li l-imputat kien qieghed jaghmel kuntatt maghha u jitlobha l-flus u kif marret lura d-dar waqt illi kienet qieghda tipparkja l-karrozza, James Farrugia qabad u dahal fil-karrozza taghha u beda jitlobha l-flus. Hi qaltlu li ma kellhiex flus u li kienet ser twasslu d-dar, u x'hin wasslitu vicin d-dar tieghu u talbitu biex jinzel, hu beda jirrifjuta u jghajjat u ried jmur jhabbat ghand z-ziju taghha ghal-flus. Hi

nizzlet mill-karrozza, u qaltlu li ser iccempel lil xi habiba taghha ghall-flus, u minflok cemplet l-ghassa, u x'hin James induna li cemplet l-ghassa hu qabadha minn xagharha u dahhalha fil-karrozza, hadilha c-cwievet u saq l-karrozza hu. Waqt illi kien qieghed jsuq, ramielha l-mobile u beda jghidilha li ser johodha l-Gzira u mhux ser tara lit-tifel taghha ghax ha joqtolha u jixhitha fl-irdum. Ix-xhud kompliet tghid li hi ppanikjat u fethet il-bieba tal-karrozza u qabzet l-barra, u bdiet tigri sakemm iltaqat ma' persuna u talbitu jcempel lil Pulizija.

Illi fl-istess seduta xehed Frederick Azzopardi, fejn qal li huwa negozjant u jikri barriera li tinsab fi triq minn Ghajn Tuffieha ghal Mgarr fejn jorganizza shooting activities. Fl-ahhar ta' Jannar 2018, kien organizza barbeque ma' shabu u f'xi 11.00pm wara li telqu shabu kien ghalaq ix–xatba warajhom. It-tfal kienu dahlu jorqdu fil-kamp u f'xi 12.00am il-kelb beda jinbah. Ix-xhud qal li xhin hareg mill-kamp biex jara x'gara, sab mara li gharaf bhala l-*parte civile,* fejn din talbitu l-ghajnuna u hu cempel lil Pulizija. Ix-xhud spjega li l-barriera qieghda xi 500 metru l-boghod mit-triq u mhux facli tasal ghaliha, apparti li ma jafx kif dahlet l-*parte civile*. Ix-xhud kompla jghid li din l-mara ma' kellhiex mobile u qaltlu li kien qieghed jsawwatha s-sieheb taghha, u li kien hadilha l-karrozza taghha li kienet Fiat Punto bajda. Fil-kontro ezamixix-xhud qal li hu ma' ra ebda karrozza u kien semgha lilha biss, tibki, u ma kienx semgha jew ra lil hadd iehor.

Illi fit-12 ta' April 2018 xehdet WPC Denise Camilleri fejn qalghet illi fis-27 ta' Jannar 2018 ghal habta tas-1.00am kienu ircevew telefonata minn persuna maskili, li qalilhom li kienet marret mara fil-barriera tieghu biex tistahba mis-sieheb taghha li kien ghadu kemm sawwatha. Hi marret flimkien ma' PC1319 u ghal l-ewwel ma setghux jsibu l-barriera li kienet faccata tal-banijiet Rumani. Hi talbet ukoll l-assistenza tal-RIU li bghatu unit mmexxija minn PS922 u unit mill-SIU immexxija minn PS131 li qabzu x-xatba, peress illi kienet maghluqa, u dahlu fil-barriera li rrizulta li kienet shooting range. Hemm sabu lil vitma mwerwra tistahba wara t-toilet, u kif rat id-dawl tal-karrozza l-vittma bdiet tistahba wara l-karrozzi u tghidilha li l-imputat kien gej ghaliha. Ix-xhud kompliet tghid, li l-vittma spjegatilha, li kienet ma' missier it-tifel u cioe' l-imputat u li dan kien taha xeba wara li kienet telqet lura d-dar mill-ghassa tal-Mellieha. Ix-xhud ivverifikat ma' l-ghassa tal-Mellieha li kkonfermaw illi l-vittma kienet ghadha kemm telqet mill-ghassa. Ix-xhud qalghet illi hi regghet hadet lil vittma, l-ghassa tal-Mellieha, fejn ziedet mar-rapport ta' x'gara minn wara

li telqet mill-ghassa sa x'hin wasslet l-Mgarr. Ix-xhud bdiet iccempel lil hu l-vittma, imma ma bediex jirrispondi u ghalhekk l-Pulizija wassluha fir-residenza taghha. Ix-xhud kompliet tghid li l-Pulizija ghamlu tfittxija ghal vettura tal-vittma, l-Mellieha kif ukoll l-Mgarr izda ma sabuhiex. L-vittma qaltilha li missier it-tifel, kien jabbuza mid-droga u ried l-flus minghandha ghax kien sick u hadilha l-mobile u tefghu minn got-tieqa ghal go ghalqa u qalilha li kien ser jwaddabha gol-barriera u kienet l-ahhar darba li rat id-dawl u lit-tifel. Ix-xhud kompliet tghid, li l-vittma qaltilha li qabzitlu mill-karrozza u bdiet tigri bejn is-sigar fejn sabet boundary wall u qabzet u spiccat fil-barriera. Fil-kontro ezami x-xhud qalet illi ma saritx tfittxija ghal mobile peress illi kien id-dlam u lanqas l-ghada ma saritx tfittxija min-naha tal-Mosta, ghax il-kaz ghadda taht il-Mellieha. Ix-xhud tiftakar illi fil-lejl ta' l-incident kien cempel is-sid tas-shooting range, imma hi ma kinitx taf x'jismu ghax ma tahiex dettalji. Il-vittma kienet qaltilha li kienet imwerwra u li giet msawtha. Ix-xhud qalghet illi l-vittma ma kellhiex griehi vizibli imma kellha l-flokk li kien hoodie li kien imcarrat fin-nofs.

Illi fis-26 ta' April 2018 xehed PS 1462 fejn qal illi hu fis-27 ta' Jannar 2018, kien xoghol gewwa l-Mellieha u ghal habta ta' nofsilejl ircieva telefonata minn Victoria Camilleri li nstemghet imbezza', u li kienet il-Mellieha ma' James Farrugia. James Farrugia kien qieghed jdejjaqha u jitlobha l-flus u jheddida li ser jkissrilha l-karrozza li hija Fiat Punto blu, bin-numru ta' registrazzjoni CPB981. Ix-xhud qal li hu mar ma' kollegi tieghu fejn il-flats tal-gvern jfittxu l-karrozza izda ma' sabuhomx. Ipprovaw jcemplu fuq zewg numri tal-mobiles tal-imputat, fejn wiehed minnhom beda jaqta' u l-iehor kien hazin u l-kwerelanta ma' wegbitx lanqas. Fis-1.00am cemplet WPS jisimha Denise mill-Mosta li qaltilhom li kellha persuna fix-shooting range u gabet lil Victoria Camilleri l-ghassa tal-Mellieha fejn hadet hsibha s-surgenta. L-*parte civile* kienet qieghda tibki u kienet mbezza'. L-ghada kienu marru jfittxu lil imputat fir-residenza tieghu izda ma' sabuhx. Fit-30 ta' Jannar kellhom informazzjoni anonima li l-imputat kien fir-residenza t'ommu u kienu marru PS 674, PS13854, PC 250 u PC2575 li arrestawh u haduh l-ghassa tal-Qawra. Ix-xhud qal li hu kien kellem lil imputat u dan irrifjuta li jikkonsulta m'Avukat u ffirma dikjrazzjoni fejn qal illi tlett ijiem qabel kien iltaqa' ma' Victoria Camilleri u xtraw id-droga u ghamlu tlett ijiem jghixu fil-karrozza. Ix-xhud gie muri dokument mmarkat bhala Dok DC1 li kkonferma li kienet r-rapport u dokument immarkat Dok MC2 li huwa r-rifjut tad-dritt tal-avukat fejn gharaf il-firma tieghu, tal-iSpettur, kuntistabbli u l-imputat. Ix-xhud kompla jghid

li meta hu rega' pprova jikkuntatja lil imputat fuq il-mobile kien wiegbu certu Malcolm li qallu li hu mill-Belt, u x-xhud baghat lil dan Malcolm l-ghassa tal-Belt biex jikkonfermaw l-identita tieghu u li l-mobile hu tieghu u l-ghassa ikkonfermaw dan.

Illi fl-istess seduta xehed PS 922 Valmor Medati, fejn qal illi fis-27 ta' Jannar 2018 ghal xi 1.30am il-control room infurmaw lilu u lil zewg karrozzi ohra tal-RIU, illi fejn il-banjijiet tar-Rumani fl-inhawi tal-Mgarr kien hemm tfajla titlob l-ghajnuna ghax xi hadd kien qieghed jheddidha. X'hin waslu fuq il-post sabu lil WPS 224 u x-xatba tal-barriera maghluqa u hu u zewg kollegi qabzu l-hajt u dahlu gewwa, fejn sabu lil Patrick Azzopardi. Il-post kien mudlam u ra lil Victoria Camilleri kokka wara l-mobile toilet u li din kienet tidher imbezza'. Hu qalilha li kienu Pulizija u hadha biex titkellem mas-Surgenta fejn l-*parte civile* qaltilha li kellha argument ma' l-ex sieheb taghha James Farrugia, u li dan kien heddidha li ser jwegghaha jew joqtolha. Saret tfittxija fl-inhawi tal Mosta, Mellieha, Mgarr u San Pawl ghal James Farrugia u Punto blu bin-numru CBP981, li kien qieghed jsuq l-imputat, li kienet ta' Victoria Camilleri, izda sat-8.00am ma sabux la lil imputat u lanqas il-vettura. Fil-kontro ezami ix-xhud qal illi m'ghamlux search fl-inhawi ghal droga jew affarijiet ohra, ghax il-prijorita kienet li jmorru jaghtu l-ghajnuna. Ix-xhud kompla jghid li l-post kien mudlam ghax kien fl-ghelieqi u d-dawl kien minn generators u ma setghex jara jekk l-*parte civile* kelliex griehi imma mil-body language dehret li kienet mwerwra. Ix-xhud qal li l-*parte civile* ma' semmitx persuna quddiemu, u huma laqqghuha ma' Pulizija mara biex tkun tista' titkellem.

Illi xehdet ukoll Marisa Gauci ghan-nom ta' Vodafone fejn qalghet illi kienet ghamlet ricerka fuq l-incoming u outgoing calls u messaggi li saru bejn is-26 u 27 ta' Jannar 2018 ghan-numru 79928434.

Illi fil-31 ta' Mejju 2018 xehdet Karen Cremona ghan-nom ta' Trasport Malta fejn pprezentat dokument immarkat bhala Dok KC1[2] li juri li l-karrozza tad-ditta Fiat Punto bin-numru ta'registrazzjoni CBP981 kienet giet trasferita ghal fuq Victoria Camilleri li ghandha karta tal-identita bin-numru 409488M fid-19 ta' Gunju 2009. Mill-24 ta' April 2007 sad-19 ta' Gunju 2009 kienet registrata fuq James Farrugia bin-numru tal-karta tal-identita 444886M. Il-licenzja kienet skadiet fil-31 ta'Marzu 2018.

---

[2] Fol. 132

Illi fil-15 ta' Novembru 2018 xehdet Joanna Farrugia li kienet ilha ssegwi lil imputat permess ta' Probation Order Supervision minn Frar 2018 u kienet hejjiet social inquiry report[3] li kien gie pprezentat fil-31 ta' Mejju 2018. Ix-xhud qalghet illi kienet rat lil James gurnata qabel u li dan ghandu problema tad-droga. Ix-xhud qalghet illi hi ma' kinitx ghamlet rakkomandazzjonijiet fir-rapport, stante li l-imputat m'ammettiex il-kaz, izda li l-imputat kellu bzonn jaghmel il-program. Ix-xhud kompliet tghid li ricenti, l-imputat beda juri li ried jaghmel xi haga dwar il-problema tad-droga, tant illi qabad il-kuntatt mal-Caritas waqt li kien taht arrest u kien qieghed jaghmel assessments halli jkun jista' jmur program. Ix-xhud ipprezentat numru ta' noti tal-andament tal-imputat li jinsabu *a fol.* 138, 139, 140, 141,148,152,159, 165, 183, 186, 202, 203 u 208.

Illi fit-12 ta' Marzu 2020 regghet xehdet il-*parte civile* Victoria Camilleri permess ta' video conferencing. Hi xehdet illi kellha relazzjoni mal-imputat James Farrugia ghal madwar 10 snin u kellhom tifel li ghandu hdax-il sena. Ir-relazzjoni waqqfet bejn il-2016 u 2017 ghax James kellu l-vizzju tad-droga u ried hafna flus, u kien baqa' jaghmel kuntatt maghha biex taghtih il-flus ghas-sustanza. Kien hemm nies li kienu jhabbtulha l-bieb jew jwaqqfuha fit-triq, ghax l-imputat kien jiddejjen minn fuq l-idejn u jaghti n-numru tal-mobile taghha, u din damet sejra xi sena. F'Jannar 2018 l-imputat beda jmur jhabbtilha l-bieb kuljum ghal flus u jheddidha li ma' tarax lit-tifel, jew li jtajjarha meta tkun miexja fit-triq u jghidilha li hi mhux kapaci tiehu hsieb lit-tifel u li hi qahba u ha jehodha l-Gzira biex ihaddimha. L-imputat kien jghidilha wkoll li ha jaqtalha l-brejkijiet tal-karrozza. Ix-xhud qalghet illi kienet issib t-tyres tal-karozza mnizzlin u li l-imputat kien jerfa'jdejh fuqha u jaghtiha daqqiet ta'ponn f'ghonqha fejn ghamlilha tbengil u grif. Ix-xhud kompliet tghid li darba kellha twasslu bilfors B'Kara, ghax kellu jmur ghand id-dealer u ma' riedx jinzel mill-karrozza qabel ma' tatih il-flus, u li dakinhar kien kissrilha d-dashboard bid-daqqiet ta' ponn sakemm kellha tatih il-flus. Fl-ahhar ta' Jannar 2018 iddecidiet li ma' tatihx flus izjed, u fis-26 ta' Jannar 2018, l-imputat beda jcemplilha u hi ma' bditx twiegbu, u marret l-ghassa tal-Mellieha taghmel rapport fl-10.30pm. Ix-xhud qaltilhom li James kien qieghed jcemplilha kontinwament biex tatih il-flus, u qalula li kien tard u biex terga' tmur filghodu, izda jekk l-imputat jmur wara l-bieb terga' ccemplilhom. X'hin waslet fi Triq Santa Marija, vicin id-dar taghha, u bdiet tfittex parking, James qabad u dahal fil-karrozza u pogga fis-seat tal-passigier. Hi bdiet

[3] Fol. 112

tghidlu biex twasslu ghand ommu, il-Mellieha stess, biex jorqod, u x'hin wasslitu, hu kien irrabjat u beda jghidilha biex iccempel lil ziju taghha ghal flus, ghax hi kienet qaltlu li ma' kellhiex aktar flus. X'hin qaltlu li dan ma' kienx hin, qalilha biex iccempel lil habiba. Hi nizlet mill-karrozza u minflokk cemplet l-ghassa tal-Mellieha u qalulha li kienu sejrin, u lil imputat qaltlu li kienet cemplet lil habiba. L-imputat ssuspetta li hi kienet cemplet lil Pulizija, u dak il-hin qabadha minn xagharha u dahhalha fin-naha tal-passigier fil-karrozza, u beda jghajjat li ha jigbruh minhabba fiha, waqt illi hu beda jsuq lejn il-Manikata. Ix-xhud qalghet illi l-imputat baqa' jghajjat u jghid li ha jehodha l-Gzira biex tohqob u ggiblu l-flus. Beda jsuq hafna u ramielha l-mobile, u x'hin qaltlu li ma kinitx tkun taf x'taghmel jekk jigri xi haga lit-tifel, l-imputat qalilha li ma kintix ser tarah aktar lit-tifel. Ix-xhud kompliet tghid li x'hin l-imputat dahal fi triq dejqa lejn Ghajn Tuffieha, hi bdiet tghidlu ghalfejn kien dahal hemm u hu qalilha li hemmhekk hadd ma' kien ser jsibha, u hi ppanikjat u fethet il-bieb u qabzet minn gol-karrozza waqt illi kien ghadu jsuq bil-mod. Hi bdiet tigri, u ndunat li kien hemm barriera u xxabtet biex tinzel go fiha u rat vann u kamra u bdew jinbhu l-klieb. Hareg ragel u l-*parte civile* talbitu jcempel lil Pulizija, u qaltlu li hi kienet ser tkompli tigri lejn it-triq, imma hu qalilha biex toqghod hemm, u stahbiet wara mobile toilet sakemm gew il-Pulizija. Ix-xhud kompliet tghid li lil James semghetu hiereg il-barra bil-karrozza. Meta gew il-Pulizija, haduha l-ghassa biex taghmel rapport u wara haduha d-dar f'xi 3 am ghax kienet bla handbag, mobile u karrozza. Il-karrozza Punto blu bin-numru CBP981 ghadha sal-llum ma' nstabitx, ghalkemm l-imputat qal illi halliha hemm u ma hadhiex. Dak iz-zmien il-karrozza kienet tiswa tlett elef u tmin mitt Euro (€3,800) ghax kienu baghtulha l-valur tal-insurance. Ix-xhud kompliet tghid li l-karrozza kienet taghha u kienet irregistrata fuqha. Il-mobile kien tad-ditta LG u kien jiswa xi mija u hamsin Euro (€ 150). L-*parte civile* kompliet tghid li hi ma' marritx polyclinic jew sptar wara dan l-incident. Hi hasbet li dakinhar kienet sa tkun l-ahhar gurnata ta' hajjitha, ghax kien hemm aktar kazi fejn m'ghamlitx rapport, fejn darba l-imputat anke faqaghlha ghajnejha. Meta mistoqsija, l-*parte civile* qalghet illi hi ma' tafx jekk l-imputat kienx ghadu jiehu droga ghax kien hemm garanzija ghal protezzjoni taghha, u li l-imputat qatt ma' gie wara l-bieb aktar, izda gieli kien jcempel biex jara kif inhu t-tifel. Dakinhar ta' l-incident, hi kienet bit-tifel Bugibba ghax kienet marret tiehu crepe u James beda jcempel hafna u hadet lit-tifel d-dar u marret taghmel rapport l-ghassa. Wara marret lejn id-dar taghha u waqt illi kienet qieghda tfittex parking tfacca James. Ix-xhud cahdet illi kienet qieghda tghix mieghu fil-jiem qabel l-incident. Hi kienet marret toqghod

ma' James, wara li kien spicca l-program, fil-flat tieghu tal-Mellieha ghal April 2017 u ghamlet tlett xhur. Ir-relazzjoni spiccat meta telqet, wara li ndunat li kien rega' kellu relapse. Ix-xhud qalghet illi l-imputat gieli uza droga quddiemha, imma mhux quddiem it-tifel. Wara l-incident ta' Jannar 2018, ma kienx hemm aktar incidenti, apparti li gimgha u nofs qabel, l-imputat kien mar hdejn it-tifel il-bandli tal-Mellieha ghal xi 1.30pm minkejja li hemm garanzija li ma jistax jersaq lejn it-tifel. Ix-xhud ikkonfermat illi f'Jannar 2018 James ma'ghamlilhiex griehi, ghax li kellha kien grif meta kienet tgerrbet, u li ma' kintix marret l-isptar ghalkemm l-Pulizija kienu qalulha biex tmur.

Illi fid-29 t'Ottubru 2020 xehdet Joanne Farrugia, Probation Officer, fejn qalghet illi kienet ilha ssegwi lil imputat ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs mit-8 ta' Frar 2018. L-imputat kien qieghed jipprova jindirizza l-problema tad-droga li ilu fiha minn hafna qabel ma' bdiet issegwih, fejn dan jaghmel perjodu tajjeb u jerga' jaqa'. Fil-bidu l-imputat ma' kienx irrealizza kemm kienet kbira l-problema, imma illum meta jaqa', hu stess jmur biex jidhol ghal programm, tant illi fil-prezent kien qieghed f'shelter jistenna li jidhol ghal program. Ix-xhud kompliet tghid li kien qieghed jnaqqas il-methadone u kien taht l-Caritas u kien ser jmur San Blas. Hi kienet ghada ssegwih, imma minhabba fil-Covid, ma' kinitx qieghda tmur fis-shelter imma ssegwih bit-telephone. Is-shelter qalulha li kien mixi tajjeb. Ix-xhud qalghet illi kient rat improvement kbir, ghax l-imputat nduna li ma' jistax jindirizza l-problema wahdu.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li semghat ix-xhieda, rat l-provi u d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, il-Qorti hija konvinta illi l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-imputat gew ippruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-Artikolu 7, 18, 31, 49, 50, 86, 202(h)(iv), 222(1), 251B(1), 261(a)(c)(e)(f)(g), 262(1)(a), 267, 270, 271(g), 275, 277(a), 279(b), 280(2), 281(c), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat **James Farrugia hati** ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett**

**(3) snin millum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lill-imputat **James Farrugia** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

In oltre l-Qorti qeghda tqieghed lil hati **James Farrugia** taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jinghata l-ghajnuna psikologika necessarja, kif ukoll rigward d-dipendenza tieghu fuq id-droga, u ghajnuna ohra li jistgha jkollu bzonn l-imputat, hekk kif jistgha jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **tlett (3) snin** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat **James Farrugia**. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

In oltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lil hati **James Farrugia** b'**Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **tlett (3) snin** millum, ghall-protezzjoni ta' **Victoria Camilleri**. Il-Qorti fissret lil imputat James Farrugia bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil hati u x'jigri jekk huwa ma' joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew l-Ordni ta' Trattament u/jew l-Ordni ta' Protezzjoni, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **tlett (3) snin** millum.

Illi fil-kaz odjern ma' gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lil Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat

Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**ORDNI TA' PROBATION**
**(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)**

**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum l-1 ta' Lulju 2021**

**Il-Pulizija**

**Versus**

**James Farrugia**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, **James Farrugia** detentur tal-karta tal-identita' numru **444886M**, ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation, u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Probation ai termini ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lil ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skond l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' **tliet (3) snin millum**, ikun jista' jiġi kkundannat għar-reat li għalih qed tiġi magħmula din l-Ordni.

Wara illi l-ħati wera' li jrid iħares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Probation.

Għalhekk tordna li l-ħati **James Farrugia** detentur tal-karta ta' l-identita' numru **444886M**, ikun għal perjodu ta' **tliet (3) snin** millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Probation taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jżomm dak il-kuntatt meħtieg u mitlub mill-Uffiċjal tal-Probation maħtur lilu.

2. L-Uffiċjal tal-Probation maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

3. Il-ħati għandu javvża immedjatament lil Uffiċjal tal-Probation b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu.

4. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt ma' l-Uffiċjal tal-Probation skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċjal tal-Probation, u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċjal tal-Probation ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċjal tal-Probation.

5. Li joqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Uffiċjal tal-Probation, intiżi li jgħinu lil ħati biex ma jerġax jirrepeti r-reati jew jikkommetti reati oħra, u b'mod partikolari li jsegwi t-terapija moghtija lilu sabiex jindirizza l-problemi psikologici tieghu u ta' dipendenza fuq id-droga.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċju tal-Probation Services u Parole ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

James
.........................................
(Firma tal-Persuna suggetta ghal Ordni ta' Probation)

.........................................
Deputat Registratur

.........................................
Magistrat

Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**ORDNI TA' TRATTAMENT**
**(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 412 D TAL-KAPITOLU 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)**

**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum l-1 ta' Lulju 2021**

**Il-Pulizija**

**Versus**

**James Farrugia**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, **James Farrugia** detentur tal-karta tal-identita' numru **444886M**, ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament, u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Trattament ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lil ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Trattament (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skond l-Artikolu 412 D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' **tliet (3) snin** millum, ikun jista' jiġi kkundannat ghal hlas ta' ammenda ta' mhux izjed minn elf mija u erbgha u sittin Euro u disa' u sittin centezmu (€1,164.69).

Wara illi l-ħati wera' li jrid iħares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Trattament.

Għalhekk tordna li l-ħati **James Farrugia** detentur tal-karta ta' l-identita' numru **444886M** ikun għal perjodu ta' **tliet (3) snin** millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Probation taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li dan l-Ordni ta' Trattament ghandu jsir fil-post/ijiet specifikati mill-professjonisti u terapisti li ser ikunu qed jiehdu hsieb it-trattament moghti lil hati sabiex jindirizzaw il-problemi psikologici tieghu u ta' dipendenza fuq id-droga.

2. Illi matul il-perjodu ta' trattament, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jżomm dak il-kuntatt meħtieg u mitlub mill-Uffiċjal tal-Probation maħtur lilu.

3. L-Uffiċjal tal-Probation maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

4. Il-ħati għandu javża immedjatament lil Uffiċjal tal-Probation b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu.

5. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt ma' l-Uffiċjal tal-Probation skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċjal tal-Probation, u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċjal tal-Probation ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċjal tal-Probation.

6. Li joqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva ta' l-Uffiċjal tal-Probation intiżi li jgħinu lil ħati biex ma' jerġax jirrepeti r-reati jew jikkommetti reati oħra, u b'mod partikolari li jsegwi t-terapija moghtija lilu sabiex jindirizza l-problemi psikologici tieghu u ta' dipendenza fuq id-droga.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċju tal-Probation Services u Parole.

Jekk il-hati jonqos milli jaderixxi ma' dawn il-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' dan l-Ordni ta' Trattament, l-Ufficjal tal-Probation ghandu jirraporta dan minnufih lil din il-Qorti.

……………………………………………
(Firma tal-Persuna suggetta ghal Ordni ta' Trattament)

……………………………………………… ……………………………………………

Deputat Registratur Magistrat

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**ORDNI TA' PROTEZZJONI**
*(SKOND L-ARTIKOLU 412 Ċ TAL-KAP 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**ILLUM 1 ta' Lulju 2021**

**PULIZIJA**

**Vs**

**James Farrugia**
**(444886M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors/ Semgħat il-Partijiet;

Wara li rat l-Artikolu 412 Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tordna Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat **James Farrugia** detentur tal-karta ta' l-identita' numru 444886 M taħt is-segwenti kundizzjonijiet:

a) Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-akkużat/a milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' **Victoria Camilleri.**

b) Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-aċċess mill-akkużat/ għal perjodu ta' **tlett (3) snin** ġewwa l-fond fejn tirrisjedi/jirrisjedi/u, jaħdem/taħdem jew j/tiffrekwenta **Victoria Camilleri** kif wkoll jekk l-akkużat/a ikollu/a xi interess legali f'dak il-fond.

c) Tipprojbixxi lill-akkużat/a milli j/tikkuntattja jew j/timmolesta lil **Victoria Camilleri.**

d) Din l-Ordni ta' Protezzjoni tibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' **tlett (3) snin** millum.

e) Jekk mingħajr raġuni valida l-akkużat/a j/tikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu/a jista' jekk j/tinstab ħati/a jeħel multa ta' sebat elef Ewro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn, jew it-tnejn li huma.

Maġistrat
Dr Astrid May Grima
B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.
Maġistrat

Akkużat

KRIM 30.2011